# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 2/2001/SM**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra.**

**vs**

**Panorama Co. Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija erbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmi (LM414.85) kwantu ghal tlett mija u sittin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (LM360.74) dovut bil-quddiem bhala "Royalty" u somma ta' erbgha u hamsin liri Maltin u hdax-il centezmu (LM54.11,0) rapresentanti bhala "Taxxa fuq il-Valur Mizjud" dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzji Nru. 010906 Lulju (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment Panaroma Hotel, Triq B. Azzopardi, Mellieha SPB 14 ghall-perjodu mis-6 ta' Lulju, 2000 sal-5 ta' Lulju 2001;**

**Is-socjeta' attrici nomine qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tat-30 ta' Settembru, 2000, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-13 ta' Frar tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**